# Beati u Qaddisin....Marzu

## 8 ta' MARZU San Gwann t'Alla

San Gwann twieled fil-Portugal fit-8 ta' Marzu, 1495. Ghalkemm il-genituri tieghi kienu foqra fil-hwejjeg materjali, pero' kienu sinjuri fil-hajja nisranija. Giovanni kien tfajjel li ma kellux kwiet. Daqqa jaghmilha ta' rghaj, ohra jahdem ta' suldat, ohra jahdem fil-hanut. Meta kien zaghzugh kien jghix boghod minn Alla. Imma dan l-istil ta' hajja hallielu vojt kbir f'hajtu.



SAN GIOVANNI DI DIO
FONDATORE DEI FATEBENEFRATELLI
CELESTE PATRONO DEGLI OSPEDALI
DEI MALATI E DEGLI INFERMIERI

Kellu imrar kbir f'qalbu ghaliex ra li kien qed jahli zmienu, meta haseb li seta' japplikah ahjar. Fil-knisja sema' omelija minn missjunarju qaddis, Giovanni ta' Avila. Kliemu laqtu fil-laham il-haj u kkonverta. Kellu ukoll l–ghajnuna ta' dan il-missjunarju ta' hajja qaddis biex jibda pagna gdida f'hajtu.

Beda jitlob u jaghmel hafna penitenza hekk li sar l-ezempju ta' kull min kien jarah. Jinghad li wiehed isqof tah l-isem "Giovanni ta' Alla ghaliex halla u warrab il-hwejjeg kollha tad-dinja biex jinghata biss lil u ghal Alla. Madwaru Giovanni t'Alla ra l-mizerja tan-nies u ta' hafna familji, hekk li wahhal f'mohhu li jghin lill-batut u marid. Beda jdur l-isptarijiet u jaghti daqqa t'id billi jiehu hsieb il-morda. Fehem li bil-faqar taghhom in-nies ma setghux ihallsu ghall-kura. Min kien allura ser jiehu hsiebhom? Iddecida li kellu jkun hu, ghal imhabba t'Alla.

Meta kellu 45 sena, Giovanni akkwista dar biex fiha jiehu hsieb il-morda fqar. Id-dar saret sptar zghir minn fejn kull persuna fil-bzonn kienet milqugha. Dawk li kienu jghinu li Giovanni gradwalment iffurmaw ordni religjuza ghall-kura tal-morda. Kienu jsejhulhom l-Ahwa ta' San Gwann t'Alla.

Xi uhud bdew jiddubitaw jekk Gwanni kienx qaddis daqs kemm jidher. Darba, markiz heba l-identita' tieghu taht sura ta' tallab. Habbat id-dar ta' Giovanni u talbu l-ghajnuna. Giovanni tah kull ma kellu, li kien jammonta ftit dollari. Dak il-hin il-markiz ma werhiex minn kien

izda telaq lura impressjonat hafna. L-ghada messagier tal-markiz wasal id-dar ta’ Giovanni biex jikkonsenjalu ittra ta’ spejgazzjoni flimkien mal-flus li kien tah Giovanni. Il-Markiz baghtlu ukoll donazzjoni ta’ 150 bicca  flus tad-deheb u haseb biex  kull filghodu fl-isptar ikollhom hobz frisk, laham u bajd biex il-morda ma jkun jonqoshom xejn.

Wara ghaxar snin ta’ hidma fl-isptar, Giovanni niffsu marad. Huwa miet f’jum twelidu tas-sena 1550. Il-Papa Innocent XI fis-sena 1690 ipproklamah qaddis.